**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 28 ta` Frar 2017**

**Kawza Nru. 12**
**Rik. Gur. Nru. 924/11 JZM**

**It-Tabib Charles Delicata (ID 710245M) u martu Adelaide sive Alda Delicata (ID 97446M)**

***kontra***

**Alfred Borg**

***u***

**b`digriet tal-1 ta` Ottubru 2012 gew kjamati fil-kawza Glen Debattista, Ryan Debattista, Carmel Hartley, Vincent Abela, George Tabone, Gram Holdings Limited, Gram Jewellers Limited u Gram Collections Limited**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-26 ta` Settembru 2011 li jaqra hekk :–

*1. Illi fl-4 ta` Awwissu 2011 ir-rikorrenti ddepozita mal-intimat curkett bi brillant ta` 4.05 karati li gie valutat mill-intimat fl-ammont ta` tmienja u ghoxrin elf euro (Dok. "A") avolja attwalment l-istess curkett jiswa` aktar minn daqshekk u cioe` l-ammont ta` €37,969, skond stima hawn annessa u markata bhala Dokument "B".*

*2. Illi l-iskop li c-curkett inghata lill-intimat kien biex dan ibieghu mill-istabbiliment tieghu li ghandu fil-Belt Valletta. Fil-fatt l-intimat espona l-istess curkett ghall-bejgh mill-imsemmi stabbiliment.*

*3. Illi bejn is-6 u t-8 ta` Awwissu 2011 l-intimat kellu serqa mill-istabbilment tieghu u fost oggetti varji li nsterqulu kien hemm ukoll l-imsemmi curkett.*

*4. Illi mill-istharrig li ghamlu r-rikorrenti u minn dak li rrizulta lill-pulizija investigattiva rrizulta li l-istess intimat flok ma pogga l-imsemmi curkett fil-kaxxaforti ghall-weekend shih, kif del resto kellu wkoll jaghmel l-intimat fl-iljieli li dam ghandu c-curkett, huwa hallih espost fil-vetrina b`dan illi, meta dahlulu l-hallelin, l-istess curkett kien facli li johduh, kif fil-fatt gara.*

*5. Illi ghaldaqstant jidher li l-intimat kien traskurat fil-qadi ta` dmirijietu u fl-esekuzzjoni tal-obbligi tieghu billi ma hax dawk il-mizuri li normalment wiehed jistenna li ghandhom jittiehdu f`cirkostanzi simili.*

*6. Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex [1] taqta` u tiddeciedi li huwa naqas mid-doveri tieghu versu l-atturi billi ma hax dawk il-mizuri minnu mistennija sabiex jittutela l-proprjeta` tar-rikorrenti, [2] tiddikkjara lill-intimat bhala responsabbli ghad-danni kawzati lir-rikorrenti b`rizultat ta` din l-inadempjenza tieghu, [3] tillikwda d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont tal-valur tal-istess curkett u cioe` fis-somma ta` €37,969 jew f`dik is-somma verjuri li din il-Qorti tillikwida, jekk hemm*

*bzonn bl-opera ta` periti nominandi u [4] tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata minn din il-Qorti – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.*

*7. Bl-ispejjez komprizi dawk ta` ittra legali u tal-mandat ta` sekwestru prezentat konestwalment mal-prezenti kontra l-intimat li minn issa jibqa` ingunt ghas-subizzjoni tieghu.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta l-konvenut fit-22 ta` Dicembru 2011 li taqra hekk :–

***A. STQARRIJA TA` L-ECCEZZJONIJIET***

***1.*** *ILLI fl-ewwel lok, l-eccipjenti m`ghandu jaghti xejn lill-atturi ;*

***2.*** *ILLI fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kuntratt konkluz bejn il-kontendenti huwa null u minghajr ebda effett, billi huwa afflitt minn causa illecita, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza ;*

***3.*** *ILLI fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kuntratt konkluz bejn il-kontendenti ma kienx wiehed ta` depozitu, izda wiehed kummercjali, bl-atturi jkunu l-principali, filwaqt li l-konvenut ikun inkarigat minnhom bhala kummercjant kummissjonant, u per konsegwenza ghandhom japplikaw ghall-fattispeci tal-kaz odjern id-disposizzjonijiet li jirregolaw l-istitut tal- kummercjant kummissjonant, ad eskluzjoni ta` dawk li jirrigwardaw l-istitut tad-depozitu ;*

***4.*** *ILLI fir-raba` lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti ma jahti xejn ghat-telf tac-curkett mertu tal-kawza, billi dan ittiehed mill-pussess tieghu b`konsegwenza ta` serq bi sgass, u minkejja li l-eccipjenti adopera il-mizuri kollha necessarji skont il-grad ta` diligenza mehtieg minnu u li kienu accettabbli ghall-atturi, liema cirkostanzi*

*jikkostitwixxu kaz fortwitu bl-effett li l-eccipjenti jinheles minn kull responsabbilita` civili ghall-akkadut ;*

*5. ILLI fil-hames lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, dato ma non concesso li l-eccipjenti ghandu jwiegeb ghall-akkadut, l-ammont li jista` jkun rizarcit lill-atturi ghandu jkun dak tal-valur attwali tac-curkett, liema valur huwa ferm inferjuri ghal dak mitlub mill-atturi fir-rikors guramentat taghhom, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri, skont il-ligi.*

## ***B. <u>DIKJARAZZJONI TAL-FATTI</u>***

*1. ILLI l-fatti kif iddikjarati fl-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat ta` l-atturi huma kkontestati, in kwantu c-curkett mertu ta` din il-kawza ma giex depozitat f`idejn l-esponenti, izda kkonsenjat biex jerga` jinbiegh, u kif ukoll in kwantu l-valur reali ta` l-imsemmi curkett kien wiehed ferm inferjuri ghal valur ta` tmienja u ghoxrin elf Ewro (€28,000), kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza. Il-valur ta` tmienja u ghoxrin elf Ewro (€28,000) ma giex determinat mill-esponenti, kif ser jirrizulta mill-provi li ser jigu prodotti. In oltre, jigi precizat illi l-ftehim ezistenti bejn l-atturi u l-esponenti kien stipulat b`mod u manjiera sabiex l-atturi jehilsu minn kull obbligu fiskali li setghu jinkorru, u per konsegwenza, tali ftehim huwa null billi afflitt minn causa illecita ;*

*2. ILLI l-fatti kif iddikjarati fit-tieni u fit-tielet paragrafi tar-rikors guramentat ta` l-atturi mhux kontestati ;*

*3. ILLI l-fatti kif iddikjarati fir-raba` u l-hames paragrafi tar-rikors guramentat ta` l-atturi qed jigu kkontestati, billi l-esponenti ma kellu l-ebda kaxxaforti fl-istabbiliment tieghu, kif kien ben konxju l-attur. In oltre, l-esponenti adopera il-mizuri kollha necessarji skont il-grad ta` diligenza mehtieg minnu ;*

*4. ILLI ghalhekk l-esponenti m`ghandux iwiegeb ghall-akkadut, u ghandu jinheles mit-talbiet attrici ;*

*5. ILLI l-esponenti jaf bil-fatti suesposti personalment.*

*Tant ghandu x`jiddikjara l-esponenti ghall-attenzjoni superjuri ta` dina l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra l-atturi, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat ir-risposta ulterjuri li pprezenta l-konvenut fis-27 ta` Ottubru 2016 li taqra hekk :–

*1. Illi l-atturi m`ghandhomx l-interess guridiku necessarju sabiex imexxu u jipprosegwu l-kawza odjerna.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.*

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta l-kjamat fil-kawza Vincent Abela fid-29 ta` Ottubru 2012 u li taqra :–

*1. Illi l-eccipjent qatt ma agixxa qua depozitarju tal-atturi, u ma tezisti l-ebda relazzjoni ta` din ix-xorta bejniethom, u ghalhekk it-talbiet attrici kif imfassla u kif diretti fil-konfront tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, anke billi guridikament insostenibbli, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*2. Illi l-kjamata fil-kawza tal-eccipjent saret inutilment, billi ma tezisti l-ebda rabta jew konnessjoni bejn l-attur u l-eccipjent. L-eccipjent m`ghandu x`jaqsam assolutament xejn mat-tehid/serq tac-curkett tal-atturi mertu ta` din il-kawza, u ghalhekk ma kkaguna l-ebda dannu lill-atturi, u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

*3. Illi l-eccipjent Vincent Abela m`ghandux ibati l-ispejjez gudizzjarji.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.*

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw il-kjamati fil-kawza George Tabone, Gram Holdings Limited, Gram Jewellers Limited u Gram Collections Limited fit-2 ta` Novembru 2012 u li taqra :–

*1. Illi preliminarjament, it-talbiet attrici kif dedotti fil-konfront tal-kjamati fil-kawza huma guridikament insostenibbli ghaliex filwaqt illi l-istess talbiet huma bbazati fuq nuqqas tal-konvenut bhala depositarju kif kontemplat fl-artikoli 1899 et seq tal Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta dak li qed jigi attribwit lill-kjamati fil-kawza huwa danni kkawzati dolozament.*

*2. Illi preliminarjament ukoll, pretenzjonijiet simili diga` gew avvanzati mill-konvenut Borg fil-konfront tal-esponenti u dawn qed jigu kkontestati fi proceduri ohra fl-ismijiet Alfred Borg pro et noe vs Glen Debattista et (Cit Nru:870/12CFS; Diff: 3/12). Minhabba f`hekk din il-Qorti ghandha tordna l-konnessjoni ta` dawn iz-zewg kawzi sabiex jipprosegwixxu flimkien.*

*3. Illi preliminarjament ukoll, Gram Holdings Limited, Gram Jewellers Limited u Gram Collections Limited ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li lanqas prima facie ma jirrizulta xi ness bejn l-oggetti misruqa u dawn is-socjetajiet. Il-fatt li George Tabone huwa direttur u azzjonist f`dawn il-kumpaniji zgur mhux bizzejjed biex jipprova anke prima facie xi konnessjoni bejn is-socjetajiet esponenti u l-fatt illecitu li qed jigi allegat li sehh.*

*4. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-konvenuti fl-ebda hin ma laqghu ghandhom l-oggetti kif allegat.*

*5. Illi minghajr pregudizzju wkoll, qabel xejn l-atturi jridu jippruvaw malafede da parti tal-esponenti ghaliex anke jekk ghall-grazzja tal-argument kellu jirrizulta illi xi oggetti minn dawk imsemmija mill-attur spiccaw ghand l-esponenti in buona fede dawn xorta wahda m`ghandhomx ghal xiex jirrispondu.*

6. *Illi minghajr pregudizzju l-konvenuti ma kkawzaw l-ebda danni.*

7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet illi tat fid-9 ta` Gunju 2014 fejn ordnat li din il-kawza u l-kawza l-ohra fl-ismijiet *Alfred Borg pro et noe vs Glen Debattista et (Rik. Gur. Nru. 870/2012 JZM* jinstemghu flimkien u li l-provi li jingabru f`kull kawza jkunu jikkostitwixxu prova ghaz-zewg kawzi.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat id-direzzjoni li tat lill-partijiet sabiex jaghmlu sottomissjonijiet dwar ir-risposta ulterjuri tal-konvenut sabiex imbaghad taghti decizjoni limitatament dwar ir-risposta ulterjuri.

Semghet is-sottomissjonijiet li saru waqt l-udjenza tat-28 ta` Novembru 2016;

**Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-28 ta` Novembru 2016 fejn halliet il-kawza ghal-lum sabiex taghti decizjoni dwar ir-risposta ulterjuri tal-konvenut.**

Rat l-atti l-ohra ta` din il-kawza, kif ukoll l-atti tal-kawza *Alfred Borg pro et noe vs Glen Debattista et (Rik Gur. Nru. 870/2012 JZM).*

## II. Provi

**L-attur** xehed illi kien ilu jaf lill-konvenut ghal diversi snin. Huwa xtara diversi oggetti minghandu u gieli tah oggetti biex ibieghhomlu mill-hanut tieghu. Fl-4 ta` Awissu 2011, huwa ddepozita ghand il-konvenut fil-hanut Pjazza Antiques, South Street, Valletta, curkett solitaire bi brillant ta` 4.05 *carat*, bl-obbligu tar-radd lura (on consignment) u ghac-curkett kien jitlob prezz ta` EUR 28,000 minkejja li l-valur li bih inxtara kien ta` EUR

38,000. Kellu bzonn li jsir dan il-bejgh biex jghin lil uliedu finanzjarjament. Ghac-curkett Alfred Borg iffirma karta ta` konsenja, liema karta ma kellha l-ebda eskluzjoni ta` kwalunkwe xorta.

Fid-9 ta` Awissu 2011, cempillu l-konvenut biex igharrfu illi fil-jumejn ta` qabel il-hanut tieghu safa` misruq u fost l-affarijiet li nsterqu kien hemm ic-curkett li kien ghaddielu. Huwa mar ghand il-konvenut xi jumejn wara biex jara kif kienu ser jibqghu. Kellu f`rasu li joffrilu biex ihallsu lura l-valur tac-curkett b`mod agevolat, izda l-konvenut ma ried jerfa` l-ebda responsabbilita`. Ghalhekk kellu jirrikorri ghand l-avukat tieghu.

Borg qallu li meta saret is-serqa c-curkett kien espost fil-vetrina tal-hanut li taghti fuq it-triq. Is-serqa grat mal-lejl.

L-attur qal illi c-curkett ma kienx ikkostodit kif jixraq matul il-lejl.

Qal illi dawk l-inhawi jkunu vojta hafna matul il-lejl, l-aktar fiz-zmien meta kien qed isir ix-xoghol fuq l-ex Tijatru Rjal.

Sostna li l-konvenut ma ha l-ebda prekawzjoni ta` xejn. Halla c-curkett espost minflok poggieh fil-kaxxaforti. Borg qallu li ma kienx assigurat. Huwa ma kienx jaf b`dan. Li kieku kien jaf b`dan, ma kienx ihalli c-curkett jew xi oggett iehor ghand il-konvenut.

Wara s-serqa, il-konvenut avzah illi kesa l-hitan tal-hanut bi pjanci tal-hadid.

Ghall-attur dan kien ifisser li l-konvenut ma kienx adotta l-mizuri kollha possibbli biex ma jisfax misruq.

Huwa spjega li Borg infurmah li l-*alarm* ma bdietx iddoqq ghaliex il-hallelin serquh minn barra. Is-serqa sehhet billi tnehha cangun minn mal-hajt tal-genb u ghalhekk il-hallelin accedew ghall-hanut mill-fetha.

Qal illi min seraq xorta wahda kellu jkisser l-ixkaffi. Bil-vibrazzjonijiet ta` l-ixkafef tal-hgieg, l-*alarm* kien jiskatta li kieku kien mixghul.

Huwa kien qed jippretendi risarciment ta` EUR 28,000. Il-figura kienet tirrapprezenta t-telf li garrbu mhux il-valur li kienu lesti jbieghu c-curkett.

Fil-**kontroezami** huwa xehed illi l-konvenut gieli staqsih biex jghinu jixtri affarijiet minn barra. Fil-fatt gieli anke xtralu affarijiet minn barra. L-affarijiet kien jaghzilhom il-konvenut, u l-prezz kien ukoll jaghtih il-konvenut. Cahad illi gieli xtara affarijiet minn Ebay biex imbaghad jaghmel negozju minnhom. Ghamel hekk biss fil-kaz ta` affarijiet zghar ; jixtri tlieta, izomm wiehed, u t-tnejn l-ohra jipprova jnehhiehom.

Ikkonferma li huwa offra c-curkett darbtejn lil Borg. L-ewwel darba kien fil-hanut li kellu hdejn il-bini tal-Parlament. L-ewwel darba kien qed jitlob prezz ta` aktar minn EUR 28,000. Ic-curkett dam diversi gimghat ghand Borg. Il-konvenut kien qallu li kien hemm xi hadd interessat fic-curkett izda ma tahx informazzjoni. In segwitu ha c-curkett lura. Ftit tax-xhur wara kien rega` talbu biex ibieghlu c-curkett u kien anke naqqas il-prezz.

Qal illi t-tieni darba li offra lil Borg sabiex ibiegh ic-curkett kien wara li kien ipprova jbiegh ic-curkett f`zewg irkantijiet. Kien qed jitlob EUR 35,000 izda c-curkett ma kienx inbiegh. Lil Borg kien qallu li minghandu ried €28,000. Il-ftehim kien illi kull ma Borg kien jirnexxielu jikseb oltre t-€28,000 kien ghal Borg.

Ic-curkett kien tan-nisa. Il-mara tieghu kienet wirtet ic-curkett minghand il-genituri taghha. Missier il-mara tieghu miet 25 sena ilu mentri omm il-mara tieghu mietet 18-il sena ilu.

Ipprezenta ritratt ta` dan ic-curkett.

Cahad illi d-deheb tac-curkett kien isfar. Fil-fatt kien *white gold* kif kien certifikat minn Mediterranean Diamonds.

Hadd qatt ma offra li jixtri c-curkett ghaz-zmien kollu li kien ilu ghandu u ghand il-mara tieghu.

Id-daqs tal-hanut huwa ta` tmienja jew ghaxar passi tul ; wisa` fih in-nofs. Il-hanut huwa zghir.

Ikkonferma li l-familja tal-mara tieghu kienu negozjanti tad-deheb.

Qal illi ma jafx jekk kienx hemm *safe* fil-hanut. Il-parti tal-hanut li tidher ma kienx fiha *safe* izda qal illi ma jafx kienx hemm postijiet ohra fil-hanut li ma kinux jidhru.

Fid-drabi kollha li mar fil-hanut tal-konvenut, qatt ma ra *safe.*

Il-hanut kien fil-pjan terren.

Fuq in-naha ta` wara kien hemm bieba zghira ta` l-*aluminium*.

Ic-curkett kien assikurat tramite Allcare Insurance ghall-valur ta` EUR 16,000.

Qal illi l-assikurazzjoni tal-proprjeta` tieghu kollha kienet kbira u ghalhekk ma setax ihallas l-assikurazzjoni ghac-curkett ghall-prezz tas-suq.

Cahad li huwa assikura ic-curkett ghal EUR 16,000 ghax daqshekk kien jiswa`.

Ic-curkett kien jiswa` d-doppju dak il-valur.

Meta ghamel l-assikurazzjoni tac-curkett, huwa pprezenta certifikat, li kien certifikat kollettiv mhux relattiv ghac-curkett wahdu.

Cahad li qatt staqsa lil Borg jekk in-negozju tieghu kienx assigurat.

Il-kundizzjonijiet li tahthom huwa tah ic-curkett kienu mnizzlin fil-karta ta` konsenja. Fuq il-karta ma kienx hemm imnizzel li Borg ma kellux polza ta` assigurazzjoni.

Sab illi l-konvenut ma kienx assikurat jumejn wara s-serqa, meta kien mar biex juri d-dispjacir tieghu fuq li gara u biex jipprova jirranga mal-konvenut kif diga` fisser.

Cahad li Borg qatt informah li huwa ma kienx assigurat.

Fid-drabi kollha li mar il-hanut tal-konvenut, qatt ma qamet il-kwistjoni ta` l-assikurazzjoni. Li kieku qamet, ma kien qatt ikun li kien ser ihalli oggett jiswa` EUR 30,000 ghand il-konvenut.

Sostna li qed jippretendi li jithallas EUR 28,000 ghaliex hekk kien miktub fil-karta tal-konsenja.

Spjega li huwa ma qaghadx jara kemm kienu l-prezzijiet ta` l-oggetti li kellu Borg ghall-bejgh fil-hanut.

Qal illi jaf li hwienet li jkollhom stock li jinbidel kontinwament, ghandhom *policy* apposta ghal *changing stock*.

L-assikuraturi tac-curkett kienu Middlesea Insurance plc.

Fl-assikurazzjoni, ic-curkett inghata valur ta` EUR 16,000 ghax dak kien il-valur li nghata fil-qsim tal-wirt tal-genituri ta` martu.

Sostna li huwa wera lill-assikurazzjoni lista ta` oggetti li kienu fl-inventarju tal-qasma.

Ic-curkett in kwistjoni huwa indikat fil-lista bhala solitaire li kien stmat Lm 6,500.

Il-valur tac-curkett ma` l-Allcare (agenti tal-Middlesea) kien EUR 15,140.93c.

Sostna li il-lista ma kienx hemm specifikat id-dettalji tac-curkett, izda dak li kien hemm kien sufficjenti biex tkun tista` ssir il-qasma.

Fisser li l-ammont totali li kien assigurat bhala *all risk* kien ta` EUR 50,000.

Sahaq illi Borg kien messu qieghed ic-curkett fil-*money box* li kellu.

Qal li l-Ispettur Mercieca tac-CID kien baghat ghalih biex ikellmu. Kellem lill-Ispettur Grech li qallu li kien sema` li min seraq lil Borg kellu xi konnessjonijiet mal-Furjana u kien mar ibiegh ghand gojjellier barra l-Belt b`vann. Qal l-istess diskors lill-Ispettur Mercieca. Dan il-persuna kien jimxi qisu mhattab u kellu vann abjad. Min tah l-informazzjoni kien talbu sabiex ma jikxfux mal-pulizija u huwa ried izomm kelmtu. Il-persuna li tatu l-informazzjoni kien Charles Azzopardi ta` Azzopardi Jewelleries li kien gie nterrogat mill-pulizija u kien ikkonferma mal-pulizija li kien informa b`li jaf lilu. Azzopardi kien prim kugin mal-mara tieghu. Azzopardi ma kienx semma li l-persuna kien Glen Debattista.

Fiz-zmien tas-serqa, ic-curkett kien assigurat permezz ta` Allcare. Ghamel *claim* u kien indennizzat bl-ammont ta` EUR 16,000. Fil-kawza tal-lum kien qed jitlob il-hlas tad-differenza bejn il-prezz tac-curkett li kien EUR 28,000 u s-EUR 16,000 li rceviet bhala indennizz. Huwa ghadda lill-asskiurazzjoni d-drittijiet tieghu fis-sens li jekk il-kawza tinqata` b`mod favorevoli ghalih, l-assigurazzjoni tiehu lura l-ammont li thallset minghandu. Thallas is-EUR 16,000 minghand l-assikurazzjoni wara li kien diga` pprezenta din il-kawza kif jidher car mill-kontenut ta` l-ittra tat-22 ta` Frar 2012.

Mistoqsi kif punt daqshekk importanti ma giex spjegat lill-Qorti, huwa sostna li ma kienx jaf li kellu obbligu li jforni dik l-informazzjoni.

**Av. Dr. Alexia Aquilina** ghar-Registratur tal-Qorti xehdet illi skont ricerka li ghamlet irrizulta li sar rapport dwar serqa bejn is-6 u t-8 ta` Awissu 2011 minn hanut bl-isem Pjazza Antiques fil-Belt Valletta. Is-serqa kienet mertu ta` inkjesta magisterjali li ghadha mhix maghluqa.

**Miriam Milencovich** gharfet il-firma taghha fuq id-dokument a fol 5. Dak iz-zmien tad-dokument kienet tahdem ma` Mediterranean Diamonds. Sostniet li mxiet skont l-istruzzjonijiet tal-kap taghha. Rat il-hagra izda kienet ghaddietha lill-imghallem taghha Vincent Gatt. Hija kkwalifikata biex taghmel valutazzjoni izda fil-kaz tal-lum il-valutazzjoni saret minn Gatt. Il-valutazzjoni li kien ghamel Gatt kienet wahda *fair*. Il-prezz indikat ikun jinkludi l-VAT u l-ispejjez. Dak kien il-prezz li kien immarkat gol-vetrina ghall-bejgh.

Hija kejlet il-hagra fil-presenza ta` Gatt. Il-valur kien stabbilit minn Gatt. Spjegat li hija ma ghandhiex certifikati jew kwalifiki izda ghamlet 31 sena tahdem fid-djamanti. Kienet titrattaa sa *one carat* ; oltre kienet tirreferi lill-imghallem. Valur jigi determinat skont il-kobor, il-kulur, il-kwalita u l-qtugh.

Qalet illi l-hagra in kwisjtoni kellha xi *impurities*. Kienet *matt* safranija u kienet wahda minn dawk li jibdew minn *colour D*. Dan il-*colour* huwa l-ahjar u minn hemm jinzel dejjem 'l isfel. Mistoqsija dwar li kellu jitnehha l-VAT, id-*discount*, jigifieri mhux il-prezz fil-vetrina, il-prezz oggettiv tad-djamant kien ikun anqas b`xi 40%. Innotat ukoll li ghaddew xi hames snin minn fuq il-hagra. Mistoqsija jekk effettivament, il-prezz telax jew nizilx, hija spjegat li dak kien jiddependi mill-kwalita`. Dan iz-zmien jinxtara hagar pur. Il-prezz jiddependi minn rapport li johrog mill-Belgju. Il-valur ivarja minn gimgha ghal gimgha.

**Vincent Gatt** xehed li huwa *jeweller* u *diamond cutter*. Ilu fis-sengha ghal aktar minn 45 sena. Miriam Milencovich kienet impjegata tieghu. Gharaf il-firma taghha fuq id-dokument a fol 5. Hija kienet regolarment taghmel dawk ic-certifikati. Hija *diamond cutter* u tifhem fix-xoghol. Huwa ra c-curkett in kwistjoni wkoll. Kien ta` daqs kbir li ma tinsiehx. Kien djamant veru u kkonferma d-dettalji tieghu skont ma jirrizulta fic-certifikat.

Huwa kkonferma ic-certifikat fit-totalita` tieghu peress li huwa kien ukoll ezamina c-curkett. Sostna li l-prezzijiet ma jigux stabbiliti minnhom

izda hemm prezzijiet internazzjonali. Spjega li huma jaghmlu verifika ma` katalogu u abbazi ta` dak il-katalogu, jinhareg il-prezz. Jezistu tabelli internazzjonali li minnhom tkun tista` tohrog id-dettalji tal-prezz izda dawn jiddependu mill-kwalita`, mill-piz, mill-kulur, u mill-*cut*. Fil-kaz tal-lum, si trattava ta` djamant li kellu piz ta` 4.05 carat ; il-*clarity* kienet *VS* jigifieri *very slight inclusion* li jfisser li jkollu xi haga, mhux kbir hafna imma li tidher b`lenti. Il-kulur kien *K Colour* mhux *white.* Kien naqra safranti imma xorta hemm il-prezz minhabba l-kobor tal-hagra u minhabba li l-*cut* hija *round brilliant.*

Ipprezenta dokument simili ghal dak li kien esebit. Probabilment id-dokument li pprezenta kellu prezzijiet bi ftit oghla milli dikjarati fid-dokument a fol 5. Mill-figuri, trid issir multiplikazzjoni ghal mija u tohrog il-prezz tal-carat. Id-dokument jirrigwarda *carat* wiehed ; ghalhekk ghall-kaz tal-lum trid issir multiplikazzjoni b`erbgha.

Fil-**kontroezami** xehed illi c-certifikat inhareg minn Miriam Milencovich izda huwa kien ezamina c-curkett ukoll.

**Il-konvenut** xehed illi ghandu hanut ta` l-antikitajiet u tal-gojjelli. Kien ilu fix-xoghol ghal aktar minn 35 sena. Meta kien ighix barra kien jahdem fl-istess tip ta` negozju. Gie lura Malta fl-1987 u fetah hanut San Gwann. Wara li biegh dak il-hanut, fetah iehor fi Pjazza Helsien, Valletta. Wara li beda l-izvilupp tal-Parlament il-gdid, ghalaq dak u fetah iehor fi Triq Nofsinhar, il-Belt stess. Lill-attur kien ilu jafu s-snin.

L-attur kien infurmah li huwa kien jixtri affarijiet antiki minn barra u jbieghhom. Kien imur il-hanut tieghu mill-anqas darbtejn fil-gimgha b`ammont ta` kaxxi kbar tal-kartun biex ibieghlu oggetti. Fost ohrajn, l-attur kien bieghlu *trays* tal-fidda, *tea sets,* gandlieri, figorini u affarijiet tal-hgieg. Kien jaghmel hafna negozju mieghu u kien ihallsu b`cekkijiet jew bi flus kontanti. L-attur kien idur hwienet ohra biex ibiegh l-oggetti tieghu. L-attur ftit li xejn xtara minghandu.

Sostna li okkazjonalment, l-attur kien ihalli xi oggett mieghu halli huwa jipprova jbieghulu. Dawn l-okkazjonijiet kienu rari. Bhala procedura, meta kien jithalla xi oggett biex ibieghu, huwa kien jirrilaxxa ricevuta. L-ewwel darba li gablu c-curkett, iddepozitah mieghu ghal xi tlieta jew erba` xhur fil-hanut li kellu fi Pjazza Helsien. Il-prezz mitlub kien ta` bejn EUR

32,000 u EUR 35,000 izda peress li d-djamant ma kienx ta` kwalita` u ta` kulur tajjeb, hadd ma kien interessat jakkwista c-curkett. Huwa avza lill-atur li c-curkett ma kienx jiswa` l-ammont li kien qed jitlob u talbu jiehdu lura.

Kompla jghid li wara xi xhur li kien fetah il-hanut l-iehor ta` South Street, l-attur rega` talbu jpoggi c-curkett ghall-bejgh bi prezz li nizel ghal EUR 28,000. Ikkonferma d-dokument a fol 4 tal-process ; din hija r-ricevuta li c-curkett kien ghandu. Talab lill-attur certifikat li juri kemm kien jiswa` attwalment dan ic-curkett, izda l-attur qatt ma urih ic-certifikat li kien prezentat waqt il-kawza.

Isostni li c-certifikat mhuwiex korrett peress li hemm imizzel li huwa curkett *white gold* mentri c-curkett kien *yellow gold.*

Sabiex jipprova jbieghu, l-attur kien lest li lanqas jaghmel profitt. Fir-realta` c-curkett kien ikrah u ma kienx ser jinbiegh. Kienu ddiskutew jekk setghux isiru xogholijiet fih billi jizdiedu xi djamanti fil-genb biex ikun izjed attraenti, izda ma lahaqx sar dan ix-xoghol.

Qal illi ma jaqbilx mal-valur indikat billi l-kulur huwa ta` grad inferjuri. Tkun K meta d-djamanta tkun tajba u ta` grad gholi hafna. Il-*cut* tma kenitx *brilliant modern* izda *old brilliant* li mhijiex mitluba u mixtieq hafna. Spjega li kellu *inclusions*. Ic-curkett ma kienx ta` l-kwalita` li jixtru n-nies illum. Kellu wiehed simili ta` grade T, li jinbiegh ghal $12,800. Ic-curkett seta` jmur ghal dak il-prezz jew inqas. Jaf b`curkett ta` 5.27 *carat* li mhux tal-valur li qed isemmi l-attur. Ghall-fini ta` assikurazzjoni jinghata valur ta` $39,000 izda jinbiegh ghal $12,700.

Spjega li c-certifikat ta` Mediterranean Diamonds rah l-ewwel darba fil-Qorti. Jekk ic-certifikat sar bhala *insurance valuation*, il-valur reali kellu jonqos b`40% sa 50%.

Qal illi l-hanut tieghu ta` South Street jinsab kwazi fejn kienet l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt u huwa hanut zghir hafna.

Meta c-curkett thalla mieghu ghall-ewwel darba fil-hanut ta` Pjazza Helsien, huwa kien informa lill-attur li ma kellux *safe* u lanqas

assigurazzjoni, izda l-attur qallu li huwa kellu assigurazzjoni. Anke meta ha c-curkett fit-tieni okkazzjoni, l-attur kien jaf li lanqas hemm ma kellu *safe* u lanqas assigurazzjoni. Kull ma kellu kienet *moneybox* (ta` 8 pulzieri bi 12-il pulzier) li qeghda mwahhla mal-hajt. Ma kellux wisa` fejn jaghmel *safe* ghax kulma ghandu kamra wahda ; lanqas ghandu *toilet.*

Kellem lil Hendry Basin li huwa *insurance broker* kemm-il darba biex jara jekk jistax jassigura n-negozju tieghu izda r-risposta tieghu kienet dejjem li kien impossibbli. Kien staqsa wkoll lil xi hadd Irlandiz li kellu socjeta` assigurattiva izda dan ukoll kien infurmah li ma jistax jassigura n-negozju tieghu.

Sostna li l-hanut tieghu jinsab bieb ma` bieb ma` *store* tal-Capri Coffee Shop. Kif tidhol minn dan il-bieb hemm tarag u *basement.* Fil-*basement,* Capri Cafe ma kellux *alarm.* Gara li xi hadd sgassa l-bieb tal-*basement* u beda jaqla` l-gebel biex jidhol fil-hanut. Meta beda jaqla` l-gebel, gie fil-meter tad-dawl u ghalhekk resaq izjed u beda jaqla` l-gebel ta` hemmhekk. Meta qala` c-cangun, gie ezatt gol-vetrina fejn kellu l-affarijiet. Spjega li l-ebda hgieg tal-vetrina ta` barra ma nkiser u x-shutter ta` barra ma ntmessitx. Minhabba dan l-*alarm* ma daqqx u peress li ma dahlux gewwa ; is-*sensors* lanqas ma daqqew. Kull ma ghamlu l-hallelin, kien illi kissru hgiega rqiqa biex b`hekk kollox nizel fil-qiegh u gabru l-gojjelli mill-qiegh. Hadd ma dahal fil-hanut jew sgassa l-bieb.

Fil-**<u>kontroezami,</u>** xehed illi ma jafx jekk il-kjamat fil-kawza Vincent Abela hax parti fis-serqa. Li jaf hu mill-pulizija huwa illi Vincent Abela ma kienx xtara curkett izda kien Glenn Debattista li biegh ic-curkett lil George Tabone tal-Gram.

Qal illi huwa familjari ma` l-*online banking* peress li huwa gieli jixtri affarijiet *online.* Ikkonferma li l-attur kien jghidlu x`ghandu bzonn u dan kien jixtri affarijiet *online* ghalih ; imbaghad kien ibieghom lilu jew kien gieli jixtrilu affarijiet li huwa kien jghidlu li ghandu bzonn. Qal li huwa la qatt uza u lanqas ippolixxja djamanti izda gieli ssettja xi djamanti.

Spjega li dwar kemm *cuts* fid-djamant jaffettwa l-valur jiddependi ; jista` jkun minn terz sa nofs. Il-*brilliant cut modern* jiswew izjed. L-attur kien urih certifikat li kien gab *online* mill-Amerika dwar il-valur tad-djamant in kwistjoni. Dan ic-certifikat jinhareg fuq informazzjoni li tkun inghatat u

mhux ghax id-djamant ikun gie ezaminat. L-informazzjoni li nghatat kienet korretta fis-*size* izda ma kinitx korretta dwar il-kulur. Muri Dok JSA, xehed illi dak ma jirriflettix ic-curkett in kwistjoni. Huwa ma kienx ezamina c-curkett izda fl-idea tieghu hadd ma kien ser jixtrih bil-prezz li ried l-attur. Huwa stima l-valur tac-curkett bejn Lm 6,000 u Lm 7,000.

Mistoqsi kif accetta li jiffirma l-ircevuta ezebita bhala Dok A, meta fuqha hemm imnizzel valur ferm superjuri ghal Lm 6,000 jew Lm 7,000, huwa spjega li huwa ma rrilaxxja l-ebda ricevuta izda dik l-ircevuta nghatat sabiex l-attur ikun jaf li c-curkett kien qieghed fil-pussess tieghu. Huwa qal lill-attur li ma kienx qed jaqbel mal-valur li ndika l-attur. Madanakollu l-attur ried ihalli c-curkett b`dak il-prezz ; b`hekk iffirma Dok A.

Li ghamel ghamlu bi pjacir ghall-attur.

Li kieku kellu jbiegh oggetti ta` haddiehor bi prezz ferm superjuri ghal kemm jiswew fir-realta`, huwa kien jinforma lill-klijenti tieghu li dawk l-oggetti mhumiex tieghu izda li s-sidien kienu qed jitolbu dak l-ammont ghalkemm ma jiswihomx. Sostna li huwa ried jghin lill-attur peress li kien ghaddej minn problemi finanzjarji ghaliex kellu jhallas xi djun li kien ghamel ibnu.

Id-djamant tac-curkett kien tond.

Sahaq illi huwa kien jiehu hsieb ta` hwejjeg haddiehor bl-istess mod kif jiehu hsieb ta` hwejgu. Qal illi jibza` jkollu *safe* ghax kellu esperjenza hazina fejn anke kienu dahlu ghalih nies armati u anke rabtuh. Fiz-zmien tas-serqa, kien ghaddej il-progett ta` Bieb il-Belt, u ghalkemm kienu jsiru *patrols* mill-pulizija l-post ma kienx daqstant frekwentat.

Wara s-serqa, huwa hallas lil ta` magenbu biex ikollu izjed hadid fil-kantina minn fejn dahlu l-hallelin. Ma kienx jaf qabel is-serqa illi ta` magenbu ma kellux *alarm* fil-*basement*. Fil-hanut tieghu, huwa zied grada tal-hadid kif ukoll aktar *sensors* u *contacts*. Huwa ghamel pjanca tal-hadid mal-hajt mnejn inqalghu l-gebel.

Xehed illi fl-ewwel okkazjoni li l-attur ghaddielu c-curkett, l-attur kien staqsieh jekk kellux assikurazzjoni peress li c-curkett kellu valur gholi.

Huwa kien pront ighid lill-attur li ma kellux assikurazzjoni. Min-naha tieghu l-atur qallu li huwa kien assikura c-curkett ghal Lm 6,000.

Qal illi jaf bil-kumpanija Rapaport li taghmel valuri skont il-kuluri u d-daqs tad-djamanti. Huwa jixtri minn fuq Ebay ghax l-oggett jiehdu irhas izda mbaghad meta jkun se jbiegh. Jirreferi ghal Rapaport. Muri d-dokument a fol 66, stqarr illi gieli ra rapport bhal dak. Muri d-dokument a fol 67, stqarr illi fuq dak id-dokument hemm imnizzel curkett ta` 4 *carat* li huwa K. Huwa ma jaqbilx li d-djamanta kienet VS1 izda kienet hafna aghar minn hekk. Spjega li l-*small inclusion* li kellu fid-djamanta, kienet tidher b`lenti izda d-djamanta kien fiha *carbon*, hafna *inclusions* u hafna hmieg. Ma accettax dak li qalu Mediterranean Diamonds illi d-djamant kien VS.

Ic-curkett misruqa baqa` ma nstabx.

Kull ma qalu lilu l-Pulizija kien illi c-curkett kien gie akkwistat minn George Tabone tal-Gram. Safejn jaf hu, ic-curkett ma kienx ezebit fil-kors ta` proceduri kriminali ; lanqas gie muri lilu mill-Pulizija. L-ahhar li ra c-curkett kien fil-vetrina tieghu qabel is-serqa.

**<u>Clive Cachia</u>** mis-socjeta` ta` assikurazzjoni Mapfre Middlesea plc xehed illi huwa kellu fil-pussess tieghu certifikat mahrug minn Mediterranean Diamonds fl-2007 dwar ic-curkett in kwistjoni. Ic-certifikat juri valur ta` Lm 16.300. Fil-file kien hemm ukoll ritratt tac-curkett u s-somma li ghalih kien assikurat ic-curkett. Ipprezenta fost dokumenti ohra d-dokument li kien iffirmat bejn l-attur u l-konvenut. L-attur ghaddielu d-dokument wara li ghamel il-*claim*. Ic-certifikat mahrug minn Mediterranean Diamonds kien inghata meta saret il-polza ta` assigurazzjoni.

Spjega li l-polza harget originarjament fl-2000. Pero` ma kellux indikazzjoni meta kien specifikat dak ic-curkett partikolari. Ic-certifikat mahrug ta` Mediterranean Diamonds kien inghata fl-2007 peress li jista` jkun li l-klijent jkun ghamel *evaluation* tac-curkett.

Sostna li mat-trapass taz-zmien, il-valur tac-curkett baqa` l-istess, ghalkemm mid-dokumenti jidher li kien hemm zmien fejn il-valur tac-curkett kien indikat bhala Lm 5,600.

Fiz-zmien meta saret il-*claim*, Allcare kienet agent taghhom bhal ma England ukoll huma agenti taghhom.

Il-claim saret fid-9 ta` Awissu 2011. Is-serqa saret fil-lejl ta` bejn is-7 u 8 ta` Awissu 2011. Il-pagament hareg fl-14 ta` Frar 2012, ossija wara l-prezentata tal-kawza. Il-ftehim li sar huwa li trid tithallas is-somma assigurata fuq ic-curkett, liema somma tammonta ghal EUR 15,140.93c. Il-*valutation* li ghamlu Mediterranean Diamonds kienet differenti mill-*insured value*. Il-*premium* jinhadem fuq l-ammont totali ta` l-*items all risk*. Ma hemmx *premium* partikolari fir-rigward ta` oggett partikolari.

Qal illi mad-dokument ta` *discharge,* saret *subrogation* ukoll.

Meta l-attur thallas, il-kawza ma kenitx ghadha saret. L-assikurazzjoni saret taf bil-kawza. Kien hemm ftehim bejn l-assikurazzjoni u l-attur li ghandha ssir il-kawza meta jkun sar il-pagament. Huma kienu jafu li l-attur kien ser jaghmel kawza sabiex jirreklama d-differenza bejn l-ammont li thallas mill-assikurazzjoni u l-valur tac-curket. Il-ftehim mhuwiex bil-miktub.

It-trattativi mal-attur saru minn Jean Pierre Zammit min-naha ta` Allcare u Patrick Muscat min-naha ta` Middlesea. Huwa kien ilu jiehu hsieb il-file mill-2011. Imbaghad il-file ma baqax f`idejhom ghaliex Allcare kienet inqatghet mill-Middlesea wara li saret kumpannija ta` assikurazzjoni separata. In segwitu Allcare rega` ttrasferiet il-*portofolio* lil Middlesea u ghalhekk rega` dahal fil-kwistjoni. Huwa l-*claims handler* filwaqt li Patrick Muscat huwa *chief officer*.

Ikkonferma li c-certifikat mahrug minn Mediterranean Diamonds kien pprezentat lilhom meta saret il-*claim*. Wiehed mid-dokumenti li jintalbu meta ssir *claim* hija prova jew valutazzjoni tal-gojjellerija li tkun qed issir il-*claim* fuqha. Ghalhekk iccara d-deposizzjoni precedenti tieghu fis-sens illi d-dokument ma giex moghti lil Middlesea meta bdiet il-polza. Il-valur assikurat tac-curkett kien Lm 5,600.

Qal illi kienet saret polza li wara li ghalqet saret polza gdida tramite Allcare. L-ewwel valutazzjoni tac-curkett saret minn C Azzopardi Jewellers fl-ammont ta` Lm 5,600. Din l-istima kienet mal-polza. Fl-2003, il-valur ghola ghal Lm 6,500 izda ma kienx hemm certifikat li jkopri dak il-valur. Il-

valur ghola wara talba ta` l-assigurat. Meta thallset il-claim, thallas l-ammont ta` Lm 6,500. L-ittri BD jfissru *brilliant diamond.*

Is-socjeta` ta` assigurazzjoni ma nghatatx deskrizzjoni tac-curkett fil-bidu li saret il-polza.

Ir-rata tal-premium ghal gojjellerija hija ta` 1%.

Din il-polza partikolari baqghet bil-1%.

F`materji ta` din ix-xorta ma tidholx *epreciation.*

Huwa kkonferma li mal-attur kien maqbul jekk l-attur fil-kawza jirkupra l-flus irodd lil Middlesea dak li thallas minghandha.

Ikkonferma li meta thallas l-attur il-kawza kienet diga` prezentata. Kien hemm qbil mal-attur illi jkompli bil-kawza, u jekk jirkupra l-flus jaghti lis-socjeta` ta` assigurazzjoni dak li kienet sborsat favur tieghu. Jekk jirkupra aktar, id-differenza johodha hu.

Kienet iffirmata s*ubrogation form* normali.

**<u>Patrick Muscat</u>** – Chief Officer ta` Mapfre Middlesea plc – ikkonferma li d-dokument a fol 319 kien ippreparat minnhom. Id-diskussjonijiet taghhhom mal-attur saru tramite Allcare li kienu l-agenti taghhom. Peress illi l-ammont involut kien sostanzjali, huwa kien involut ukoll.

L-atturi kellhom polza ta` assigurazzjoni tat-tip *home plus all risks.* Ic-curkett li kien insteraq kien kopert bil-polza. Huma ghamlu l-verifiki taghhom u sabu li s-somma assigurata kienet inferjuri ghall-valur reali tac-curkett. Saru wkoll verifiki dwar is-serqa, u ghamlu hlas lill-attur. Talbu li jkun hemm surroga ghall-kaz li jkun hemm prospett ta` recovery. Is-surroga kien iffirmata fl-14 ta` Frar 2012 u kienet torbot lill-atturi u lilhom bhala assikuraturi.

Qal illi l-attur baqa` dejjem izzommhom infurmati b`li kien qed jigri fil-kawza. Huwa kien infurmahom li kien ser jiftah kawza biex jirkupra primarjament id-differenza fil-valur tal-oggett. Muri d-dokument ta` surroga, huwa sostna li s-socjeta` ta` assigurazzjoni giet surrogata fid-drittijiet tal-atturi limitatament ghall-ammont ta` EUR 15,140.93.

Stqarr illi huma pprezentaw ittra ufficjali biex jipprotegu l-pozizzjoni taghhom. Jekk il-kawza tkun deciza favur l-atturi u dawk jithallsu ammont oghla minn dak li hallset is-socjeta` ta` assigurazzjoni, l-atturi jridu jhallsuhom mill-ammont li jircievu s-somma ta` EUR 15,140.93c. Jekk l-ammont likwidat ikun inqas minn EUR 15, 140.93c, irid jaghti lis-socjeta` ta` assigurazzjoni l-ammont kollu li jkun gie likwidat.

Fil-**kontroezami**, xehed illi l-ftehim dwar rifuzjonijiet u apporzjonamenti jirrizulta mid-diskussjonijiet li saru bejniethom. Is-surroga saret biss biex tkopri l-hlas ta` EUR 15,140. Is-surroga saret sabiex jigu regolati d-drittijiet u l-obbligi kemm ta` Middlesea kif ukoll tal-atturi.

Mistoqsi kif l-assikurazzjoni baqghet ma ntervjenietx fil-kawza, huwa spjega li kien hemm ittra ufficjali li fiha hemm imnizzel li skont x`ser jigi deciz f`din il-kawza, imbaghad jittiehdu l-passi.

Huwa sostna li l-ftehim dwar ir-rifuzjoni ta` ammonti sehh wara li saret is-surroga.

**Av. Dr. Joseph A. Schembri** xehed illi xi jumejn wara li saret is-serqa, l-attur kellmu. Huwa qal lill-attur illi ladarba kien assigurat kellu jkellem lill-assikurazzjoni tieghu u jithallas minghandha sabiex jevita t-tahbit ta` kawza fil-qorti. L-attur irrimarka illi c-curkett kien assikurat ghal ammont inferjuri mill-valur reali tieghu.

Ghalkemm saret il-kawza, id-diskussjonijiet mas-socjeta` ta` assigurazzjoni baqghu ghaddejjin. In segwitu l-atturi thallsu EUR 15,000 bl-intendiment car li jekk tinqata` l-kawza favur l-atturi, dawn ikollhom jaghtu lura lill-assikurazzjoni sa massimu ta` l-ammont li thallsu u cioe` EUR 15,000.

Fil-**kontroezami**, ikkonferma li l-kawza saret qabel l-atturi thallsu minghand l-assikurazzjoni. L-intendiment bejn l-atturi u l-assikurazzjoni jirrizulta minn skambju ta` emails mhux minn kuntratt formali. Patrick Muscat qaghad fuq l-integrita` tal-atturi u kien ghalhekk illi ma sar xejn bil-miktub. L-attur ma semma xejn dwar dan kollu fl-affidavit propju ghaliex lanqas biss kienet tghaddilu minn mohhu li ma jroddx lura lill-assikurazzjoni dak li thallas jekk jirnexxielu jigbor l-ammont bl-esitu tal-kawza tal-lum.

## III. Konsiderazzjonijiet

Il-konvenut isostni l-eccezzjoni ulterjuri tieghu billi jghid illi ladarba, wara li saret din il-kawza, l-atturi ssurrogaw id-drittijiet taghhom favur Mapfre Middlesea plc wara li rcevew minghandha ndennizz skont polza ta` assikurazzjoni fl-ammont ta` €15,140.93, ma kellhomx aktar l-interess li trid il-ligi biex ikomplu bil-kawza.

### 1. L-interess guridiku : Gurisprudenza

Il-punt tat-tluq ta` kull azzjoni civili huwa l-interess guridiku tal-partijiet, kemm ta` min jistitwixxi l-azzjoni kif ukoll ta` min jilqa` ruhu kontra dik l-azzjoni, l-hekk maghruf fid-dottrina kontinentali : "*point d`interet, point d`action*".

In linea generali, it-talba ta` l-attur titwieled mill-vjolazzjoni attwali jew allegata tad-drittijiet tieghu. Ghalhekk objettivament l-iskop ta` kull kawza huwa sabiex l-attur jerga` jitqieghed fl-ezercizzju jew tgawdija shiha tal-jeddijiet tieghu. Il-funzjoni u l-oneru tal-gudikant huwa li jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u jaccerta ruhu mid-drittijiet ta` l-attur sabiex jasal u jistabilixxi jekk tezistix xi vjolazzjoni ta` l-jedd, kif ukoll jekk ghandhiex issehh it-tnehhija ta` tali vjolazzjoni.

Dan huwa l-interess bazilari li jrid ikollu kull min jippromwovi l-azzjoni :-

> *"Il primo e precipuo interesse [ta` l-attur] e` di ottenere dal tribunale, come rizultato dell` azione promossa il riconoscimento e l`affermazione del diritto che ne` ha formato il sostrato e ne*

*costituisce anche l`oggetto, e che si allega essere stato leso."* (**Micallef Goggi vs. Armando Mifsud** [Vol. XXVII.I.507]).

L-interess guridiku jsehh ruhu fl-utilita` finali li l-ezitu tal-kawza jkollha ghall-attur, *liema utilita` finali ta` l-azzjoni tirrisjedi appuntu fil-propositu li jitnehha l-istat ta` vjolazzjoni tad-dritt almenu opinata u affermata mill-attur.* (ara : "**Antonio Borg vs Guido Abela**" : Kollez. Vol. XXXVIII.I.300.

Ikun hemm interess guridiku jekk il-kawza tkun tista` twassal ghal vantagg ghal min jipproponiha. Il-Qorti trid tkun konvinta li l-attur ikollu l-iskop li jirkupra l-oggett jew beneficcju ta` xi jedd moghti lilu bil-ligi, u li jkun gie vjolat :-.

*"Per istituire un giudizio non basta che un fatto d`altri pregudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico."* (Mattirolo : **Diritto Giudiziario** : Vol I par 56)

Fis-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/TM**) fit-2 ta` Mejju 2002 fil-kawza "**George Laferla et vs Joseph Lauri et**" inghad li :-

*"Huwa risaput li l-interess ta` l-attur f`kawza jrid jibqa` jissussisti matul il-hajja ta` l-azzjoni, ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista` tissokta (ara* ***"Calleja vs Micallef"*** *deciza mill-Qorti ta` l-Appell fl-1 ta` April, 1992, u* ***"Sammut vs Attard"*** *deciza wkoll mill-istess Qorti ta` l-Appell fis-17 ta` Frar, 1993)."*

Il-Qorti tosserva wkoll li l-interess guridiku, irid jissussisti matul il-hajja kollha ta` l-azzjoni. Meta dan l-interess jonqos, il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Fis-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/RCP**) fis-26 ta` April 2012 fil-kawza "**Nicholas de Giorgio vs Vincent Paul Savona et**" inghad hekk :-

*"Illi dwar in-nuqqas ta` interess guridiku tal-attur fil-mument li l-prezenta l-kawza huwa rilevanti li jinghad li "biex wiehed jipproponi domanda f`gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn li jkollu interess fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utli jew vantaggjuz" ("****Beatrice Manche noe –vs- Maria Montebello****" A.C. - 13 ta` Frar 1953), "b`mod li jekk l-*

*azzjoni ma twassalx biex tipproduci tali rizultat ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi" (**"Giuseppe Camilleri et –vs- Giuseppe Sammut et"** P.A. - 7 ta` Jannar 1953) u jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista` jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta (**"Michelangelo Bond –vs- Carmelo Mangion et"** A.C. 27 ta` Mejju 1991; u **"Albert Calleja –vs- Orazio Micallef"** A.C. - 1 ta` April 1992).*

*Fuq il-kuncett tar-rizultat vantagguz jew utli, ossija ta` l-utilita` guridika ssir riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **"Veronica Farrugia et –vs- Mary Buhagiar"** (A.C. - 2 ta` April 1993) u "**Joseph Attard et –vs- Paul Baldacchino**" (A.C. - 5 ta` Ottubru 2001).*

Fid-decizjoni li tat din il-Qorti fil-kawza "**Angelo Spiteri vs Giuseppe Zammit et**" (Kollez Vol XLII-II-1032), inghad hekk :-

*"Dan l-interess irid ikun jezisti fil-mument li tkun spjegata l-azzjoni. L-attur irid juri illi ghal esercizzju tad-dritt tieghu huwa ghandu attwalment bzonn li jinvoka l-protezzjoni tal-Qorti. Irid juri li mill-kawza jirritraji utilita` "rikonoxxuta mil-ligi." "L`utilita` che dal gudizio si spera di trarre deve essere riconosciuta dal diritto obiettivo come base sufficiente per intentare l`azione". (Dizionario Pratico del diritto privato, Scaloja, Interesse in Giudizio)" (**"Bartoli vs. Zammit Tabone"** Vol. XLV-1-58).*

*"F`dan ir-rigward huwa ormaj pacifiku anki fil-gurisprudenza taghna, illi l-interess huwa l-misura mhux biss tal-azzjoni, imma anki ta` l-eccezzjoni (Kollezz XXIV-11-627); jigifieri, dan l-interess ghandu jinstab tant f`min jipproponi domanda gudizzjarja, kemm f`min jigi mharrek biex jikkontradiciha …*

*"Dan l-interess ghandu jkollu diversi rekwisiti fost hwejjeg ohra ghandu jkun legittimu, jigifieri ghandu jkun konformi mad-dritt u jekk dan ikun biss interess u mhux anki dritt, l-azzjoni ma tregix (kollezz. XXXVII-III-889) u ghandu jkun ukoll ezistenti fil-konfront tal-konvenut maghzul bhala kontradittur legittimu fil-kawza." (Kollezz XXIV-II-627 u XXXVII- II-889)*

Fid-decizjoni li tat fis-27 ta` Ottubru 2004 fil-kawza "**<u>Simonds Farsons Cisk Limited vs Agent Direttur ta` l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni</u>**" din il-Qorti (**<u>PA/PS</u>**) qalet illi :-

*"Presuppost specifiku ta` l-ezercizzju ta` azzjoni gudizzjarja (`actio nata`) hu l-interess guridiku. Dan pero` mhux bizzejjed. Hu mehtieg ukoll li jigi dimostrat illi t-talba trid taghti lill-propronent rizultat utili, ghax jekk tali rizultament vantaggjuz jew utli ma jistax jinkiseb, l-azzjoni ma tistax tigi protetta."*

Fis-sentenza li tat fit-2 ta` Ottubru 2003 fil-kawza **<u>"Edrichton Estates Ltd vs Munro Philips and Company Ltd"</u>** din il-Qorti (**<u>PA/RCP</u>**) qalet hekk –

*"Illi l-Qorti kkwotat dak li ntqal fis-sentenza "**<u>J. Muscat et vs R. Buttigieg et"</u>** (A.C. 27 ta` Marzu 1990 – Vol. LXXIV.iii.481) fejn intqal :-*

*"L-interess irid ikun*
*a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta` l-ezistenza ta` dritt u l-vjolazzjoni tieghu ;*
*b) dirett u personali : fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari ;*
*c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f`kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta` dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

Fis-sentenza taghha tas-6 ta` Ottubru 1999 fil-kawza "**<u>Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et"</u>** (Kollez Vol LXXXIII.II.331) il-Qorti tal-Appell sostniet :-

*"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta` interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa `l`utilita` finale della domanda giudiziale nel tema dell`asserita esistenza o violazione del diritto`. Illi ghalkemm fis-sistema taghna tista` tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista` jippromwovi u jitlob l- accertament tieghu permezz ta` l-awtorita` gudizzjarja".*

"Illi kif gie ritenut fis-sentenza ta` din il-Qorti fil-15 ta` Lulju 1952 (Vol.36. ii. 493), fl-ismijiet "**Edgar Baldacchino vs Rosie Bellizzi et"** li :-

*"Citazzjoni tista` ssir biex tinghata semplici dikjarazzjoni, u ma hemmx bzonn bilfors li tintalab dejjem kundanna ... biss, min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – `l`azione civile non puo` essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l`uno e l`altro di questi requisiti, l`azione e` infondata e inammissibile`.*

Hekk ukoll fis-sentenza li tat fit-28 ta` Frar 1997 fil-kawza "**Alexander Eminyan vs John Mousu` pro et noe et**" tat-28 ta` Frar 1997 (Kollez Vol. LXXI.II.429) il-Qorti tal-Appell irriteniet :-

*"li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur u f`dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir".*

Fis-sentenza li tat fit-18 ta` Jannar 2001 fil-kawza "**Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija**" din il-Qorti (**PA/JRM**) sostniet :-

*"Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess ta` l-attur f`kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B`ta` l-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta` l-ezistenza ta` jedd u l-htiega li tilqa` ghal kull attentat ta` ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m`hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku [ara per ezempju, Qorti ta` l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Falzon Sant Manduca vs Weale**", maqtugha fid- 9 ta` Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.11".*

*"Illi minbarra dawn l-elementi, gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba ghandu jkun konkret u jezisti fil-konfront ta` dak li*

*kontra tieghu t-talba ssir [ara, per ezempju, sentenza ta`din il-Qorti (PASP) moghtija fit-13 ta`Marzu 1992, fil-kawza fl-ismijiet "**Francis Tonna vs Vincent Grixti"**, Kollezz. Vol LXXV1.iii.592]."*

Fis-sentenza li tat fit-23 ta` April 2013 fil-kawza "**Amedeo Barletta noe et vs L-Awtorita` tas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta**" din il-Qorti (**PA/JRM**) osservat :-

*"Illi l-Qorti tqis li meta wiehed ihares lejn is-siwi ta` eccezzjoni li tqanqal dubju dwar jekk hemmx tassew l- interess guridiku tal-parti attrici li ssostni l-kawza, wiehed irid izomm ma` dak li jipprovdi l-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta u mal-principji li sa minn zmien twil ilu ssawru biex ifissru x`inhu mehtieg biex tali interess isejjes il-jedd tal-azzjoni. Biex tali interess ikun tutelat minn karattru guridiku, irid ikun iwassal ghal rizultat ta` utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd (Ara App. Civ. 13.2.1953 fil-kawza fl-ismijiet **Manche` vs Montebello** (Kollez. Vol: XXXVII.i.56), b`mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex ipproduci tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi (P.A. 7.1.1953 fil-kawza fl-ismijiet Camilleri vs Sammut (Kollez. Vol: XXXVII.ii.605). Kien minhabba dan il-principju li ghadd ta` sentenzi cahdu l-jedd talazzjoni lil min ried jikseb`sentenza biss dikjarazzjoni minghajr oggett materjali (Ara App. Civ. 8.6.1942 fil-kawza fl-ismijiet **Cortis vs Bonello** (Kollez. Vol: XXXI.i.218);*

*Illi, minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza mmedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa` fil-kawza (App. Civ. 17.2.1993 fil-kawza fl-ismijiet Sammut et noe vs Attard (Kollez. Vol: LXXVII.ii.246).*

*Hu stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur ghandu jkun jidher mill-att innifisu li bih tinbeda kawza (Ara App. Civ. 3.12.1984 fil-kawza fl-ismijiet **Borg vs Caruana** (Kollez. Vol: LXVIII.ii.232) u l-ghadd ta` sentenzi hemm imsemmija, u ghalkemm il-mottiv tal-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fir-Rikors Mahluf, ghandu jirrizulta mill-provi jekk*

*kemm-il darba jigi kuntrastat (Ara App. Civ. 12.12.1983 fil-kawza fl-ismijiet **Ignazio Gatt vs Michael Debono et**).*

*Illi l-interess mhux tabilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew gid, u jista` jezisti wkoll fejn jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew suggettiv (P.A. 13.10.1952 fil-kawza fl-ismijiet **Axiaq vs Mizzi noe et** (Kollez. Vol: XXXVI.ii.532), imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku (App. Civ. 15.12.1932 fil-kawza fl-ismijiet **Scolaro vs Bailey** (Kollez. Vol: XXVII.ii.195).”*

Fis-sentenza li tat fit-28 ta` Novembru 2003 fil-kawza “**Agatha Formosa Gauci vs Dr Francis Lanfranco et**” il-Qorti tal-Appell elenkat il-principji li ghandhom iservu bhala gwida sabiex tkun indirizzata u risolta l-kwistjoni tal-interess. Il-principji huma dawn :-

(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali.

(ii) l-istat attwali ta` ksur ta` jedd jikkonsisti f`kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq.

(iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta` l-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ngustizzja li tkun giet maghmula kontriha.

(iv) l-interess guridiku jrid ikun iwassal ghal rizultat ta` utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi.

(v) l-interess guridiku jrid jibqa` jissussisti matul il-hajja kollha ta` l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza mmedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa` fil-kawza.

(vi) l-interess ta` l-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-mottiv ta` l-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat.

(vii) fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista` jippromuovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghall-azzjoni definittiva u ahharija, minkejja

li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta` accertament. Madankollu, f`kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista` ssir aktar `il quddiem.

(viii) l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f`somma determinata ta` flus jew gid, imma jista` jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghall-jedd morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku.

(ix) jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta` l-attur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharrek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda llegali – azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda *acta ad aemulationem* – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg.

**2. Is-surroga**

**a) Dritt**

**L-Art 1164 tal-Kap 16** jaqra :-

*Min ihallas id-dejn ta` wiehed iehor ma jidholx fil-jeddijiet tal-kreditur, hlief bis-sahha ta` konvenzjoni, jew b`disposizzjoni tal-ligi.*

**L-Art 1166 tal-Kap 16** jaqra :-

*Is-surroga ssir ipso jure favur –*

*(a) ta` dak illi hu kreditur huwa stess u jhallas lil kreditur iehor illi jkollu fuqu jedd ta` preferenza minhabba privilegg jew ipoteka ;*

*(b) ta` dak illi jakkwista immobbli u jhallas il-prezz tieghu lill-kredituri illi lejhom il-fond kien ipotekat ;*

*(c) ta` dak li kien obbligat ma` ohrajn jew ghal ohrajn ghall-hlas tad-dejn u kellu interess ihallsu ;*

*(d) ta` kull werriet bil-beneficcju tal-inventarju li, bi flusu, hallas id-djun tal-wirt.*

**<u>L-Art 1167 tal-Kap 16</u>** ighid :-

*Is-surroga, sew b`konvenzjoni kemm bis-sahha tal-ligi, ghandha effett sew kontra garanti kemm kontra d-debituri; izda ma hix ta` hsara ghall-kreditur, jekk dan il-kreditur ikun ircieva bicca biss mil-hlas; u, f`dan il-kaz, il-kreditur jista` jitlob il-bqija li jkun fadallu jiehu bi preferenza fuq dak li minghandha jkun ha bicca mill-hlas.*

**b) <u>Gurisprudenza</u>**

Fis-sentenza li tat fl-10 ta` Ottubru 2005 fil-kawza "**<u>Middlesea Insurance plc pro et vs Karl Vella et</u>**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"Jirrizulta li s-socjeta` assiguratrici attrici agixxiet in virtu tas-surroga legali li, kif jinghad fl-Artikolu 1166 tal-Kodici Civili, issehh ipso jure favur "ta` dak li kien obbligat ma` ohrajn jew ghal ohrajn ghall-hlas tad-dejn u kellu interess ihallsu" [subpara. (c)]. Tali surroga ggib li s-socjeta` assiguratrici takkwista b`titolu derivattiv d-drittijiet ta` l-assigurat taghha u dan jintitolaha tissubentra fl-istess posizzjoni identika, sostanzjali u processwali, ta` l-assigurat fil-konfront tat-terz, awtur tal-fatt dannuz... Dan iwassal ghal konsiderazzjoni tad-difiza li hi opponibbli mid-danneggjant lill-assiguratur ;*

*Jinsab deciz mill-Qorti Taljana ta` Kassazzjoni (3 ta` Frar, 1999 numru 919), b`referenza ghall-Artikolu 1916 tal-Kodici Civili Taljan (korrispondenti, anke jekk bi kliem differenti, ghall-Artikolu 1166 tal-Kodici Civili taghna succitat), illi "quando l` assicuratore agisce nei confronti del terzo responsabile, questi, mentre non puo valere ragioni di annullabilita`, rescissione o risoluzione del contratto (ta` l-assigurazzjoni), deducibili soltanto dall` altro contraente, è legittimato a contrastare, in via d` eccezione, i presupposti della surrogazione medesima, e, quindi, puo` opporre la nullita` del contratto stesso, inclusa quella per inesistenza del rischio o per carenza di interesse, oppure l` avvenuto pagamento dell` indennizzo a persona diversa dal titolare del relativo diritto. In tale caso è necessario che l` assicuratore esibisca la polizza, ovvero provi in altre forme documentale il contenuto del contratto, non essendo sufficiente il solo richiamo al numero di polizza contenuta nella quietanza rilasciata dal terzo danneggiato".*

Fis-sentenza li tat fl-4 ta` April 2003 fil-kawza "**GasanMamo Insurance Agency Limited noe et vs Philip Farrugia**" il-Qorti tal-Magistrati (Malta) qalet hekk :-

*"Ghal dak li jirrigwarda t-tieni eccezzjoni rigwardanti l-htiega li s-surroga tad-drittijiet mill-assikurat lill-kumpanija attrici riedet tkun predatata ghal prezentata tal-avviz, billi jirrizulta illi l-attur Casha kien assikurat mall-kumpanija attrici taht polza ta` assikurazzjoni `comprehensive` u billi jirrizulta wkoll stabbilit illi l-kumpanija attrici kienet hallset lill-assikurat taghha (l-attur l-iehor Casha) dak kollu rikjest minnha skond l-istess polza ta` assikurazjoni fiz-zmien ferm qabel il-prezentata ta` dan l-avviz, s-surroga saret `ipso jure` favur min kien ghall-hlas tad-dejn u kellu nteress jhallsu.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel ampja riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Civili Prim`Awla, tal-5 t`Ottubru tal-1993 fl-ismijiet "**Hugh Zammit noe vs Joseph Spiteri**", u taghmel taghha il-konkluzzjonijiet hemm raggunti. Infatti kien gie appuntu ritenut hekk :*

*Rilevanti ghal kwistjoni huma (a) il-fatt li hu provat li l-vettura kienet koperta fil-mument tal-incident b`polza tal-assikurazzjoni `comprehensive` mahruga mid-ditta attrici favur l-assigurat taghha Josephine Borg` u (b) `il-fatt li hu ppruvat illi in forza ta` din il-polza d-ditta assiguratrici ghamlet tajjeb ghad-danni konsegwenzjali ghall-incident u hallsithom kif kienet obbligata li taghmel skond il-kuntratt ta` assigurazzjoni.*

*Japplika allura f`dawn ic-cirkostanzi s-subinciz (c) tal-Artikolu 1166 tal-Kodici Civili kif sewwa rriteniet f`kawza b`fatti analogi meta nghatat l-istess eccezzjoni din il-Qorti diversament presjeduta mill-Imhallef Albert J Magri fil-kawza **Edgar Galea nomine –v- John Tanti** , deciza fis-16 ta` Dicembru, 1991 hekk irriteniet:-*

*"Illi dwar l-eccezzjoni tan-nuqqas ta` interess guridiku da parti tal-attur nomine billi dan ma jinsabx validament surrogat fid-drittijiet tal-parti leza il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 1166 (c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta fejn jinghad espressament li s-surroga ssir `ipso jure` favur ta` dak li kien obbligat ma` ohrajn jew ghal ohrajn ghall-hlas tad-dejn u kellu nteress jhallsu.*

*Issa min-natura ta` polza ta` assigurazzjoni hekk maghrufa `comprehensive` l-assiguratur jobbliga ruhhu kuntrattwalment mal-assigurat tieghu, li jhallas id-danni kollha li jkunu gew kagunati fil-vettura tal-istess assigurat u li jkunu gew kagunati konsegwenza ta` incident awtomobilistiku jew ghal xi raguni ohra li tkun imsemmija fl-istess polza.*

*Illi fil-kaz in ezami jidher car li t-talba attrici qed issir ghar-rifuzjoni ta` ammont li l-istess attur nomine hallas lill-terzi in forza tal-polza ta` assigurazzjoni vigenti bejnu u l-istess assigurat tieghu. Illi l-interess tal-istess attur nomine li jhallas l-ammont tad-danni jirrizulta wkoll millistess polza. Ghalhekk jikkonkorru l-elementi rikjesti mill-Artikolu precitat u per konsegwenza l-attur huwa validament surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tieghu.*

*Hu veru illi l-gurisprudenza ma kienitx dejjem uniformi fl-interpretazzjoni ta` dan l-Artikolu, pero din il-Qorti tqies li din hi l-interpretazzjoni gusta u korrett. Lanqas ma hi xi interpretazzjoni originali di recente jew wahda imgebbda. Infatti l-Qorti tal-Kummerc fil-kawza, `**<u>Capt Joseph Muscat –v- Giuseppe Mizzi nomine et altri`</u>** (Vol XXVII . iii. 492) hekk ukoll irriteniet:-*

*".....la legge nostra a differenza al Codice di Commercio Italiano, articolo 438, non provvede al caso sotto esame. Nella legge comune disposto che chi paga il-debito altrui non subentra nei diritti del creditore se non in forza di convenzione o per disposizione di legge. Nella fattispecie convenzione non ci e` stata, e i casi contemplati dall`articolo 873 (Artikolu 1166 tal-Kodici Civili) Ordinanza VII del 1868 non possono far desumere la surrogazione` ipso jure` ad eccezione dell`inciso terzo di detto articolo. Invero e` disposto in detto inciso terzo a favore di colui che essendo obbligato con altri o per altri al pagamento del debito aveva interesse di soddisfarlo. E` risultante che l-assicuratore era obbligato assieme a colui che era responsabile dei danni e quindi in favore dello stesso vi sarebbe la surrogazione legale"; " ... non puo` ritenersi fondatata l`eccezione del convenuto che la surrogazione avrebbe frustrato lo scopo dell`assicurazione: il-vivante sul proposito osserva: `La surrogazione personale dell`assicuratore e` una conseguenza naturale del pagamento dell` indemnita; l`assicurato che fu risarcito del danno non ha piu` azione contro il colpevole perche` non ha alcun interesse di fare valere contro di lui; se potesse riscuotere ad un tempo la somma assicurata e chiedere risarcimento al colpevole per medesimo danno, sarebbe indennizzato due volte e l`assicurazione gli procurerebbe u*

*indebito lucro. D`altra parte il terzo, colpevole del sinistro, non deve approfittarsi del contratto di assicurazione, cui e` rimasto estraneo e per quale non ha pagato alcun premio, e percio` deve rispondere del danno verso l`assicuratore che piglia il posto dell`assicurato".*

*Din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell li sostniet, fl-interpretazzjoni liberali moghtija lis-subinciz ( c) tal-Artikolu 1166 biex tinkludi wkoll l-kuntratt ta` assigurazzjoni. Jidher li l-interpretazzjoni restrittiva moghtija f`xi sentenzi anke nostrani li jeskludu l-applikazzjoni ta` dana l-Artikolu ghall-kuntratt ta` assigurazzjoni, inghatat fl-iskorta talinterpretazzjoni wkoll restrittiva moghtija ghal xi zmien mill-guristi u Qrati Francizi lill-Artikolu 1251 (3) tal-Kodici Civili Franciz li kien allura identiku ghal dak tal –Kap 16. Pero," since the 19 th century in France, the Court has extended the interpretation of Article 1251(3) to include the insurance companies, provided in the policy of insurance where there was (kif hu anke l-kaz odjern) a `clause subrogatoire`".*

*Dan fuq il-bazi li tidher ovvja li meta l-assigurat u min jassigurah jghamlu kuntratt ta` assigurazzjoni huma ghandhom necessarjament l-intenzjoni illi kwante volta javvera ruhu r-riskju li kontra tieghu nharget il-polza u jkun thallas il-`premium`, allura min jassigura jkun awtomatikament ssurrogat fid-drittijiet tal-persuna assigurata kontra min ikun ikkaguna d-dannu, almenu salammont illi ikun kopert bil-polza u attwalment ikun thallas fl-interess tal-assigurat.*

*Infatti l-legislaturi Francizi u Taljani pprovdew biex dan il-kuncett ikun ghal kollox car u jitnehha kull dubju u ekwivoku, billi llegislaw permezz ta` emenda ad hoc. Dubju li kien generat minn gurisprudenza konfliggenti u forsi sottiljezzi pjuttost zejda u karillika ta` argomentazzjoni guridika f`materja li kellha tkun bizzejjed cara f`sostanza legali. De lege condendo hu forsi utili li ssir wkoll emenda simili mill-legislatur f`Malta ghal aktar kjarezza u carezza. Interessanti fir-rigward bhala studju komparattiv it-tezi* ***"Subrogation in Insurance Law – A Comparative Study"*** *(1993) mill-Avukat Bartholomeo Micallef li ben fatti avvanza dan is-suggeriment.*

*Pero` anke minghajr din l-emenda il-Qorti hi tal-fehma illi l-ligi kif inhi timporta surroga awtomatika ex lege fil-kuntratt ta` assigurazzjoni `comprehensive` fic-cirkostanzi fuq spjegati."*

Fis-sentenza li tat fil-25 ta` Frar 2004 fil-kawza "**Fogg Insurance Agencies Limited noe et vs Raymond Azzopardi**" il-Qorti tal-Appell Inferjuri ttrattat aggravju fis-sens illi s-socjeta` assikuratrici attrici naqset li ggib prova tal-pagament lill-assikurat taghha, u allura prova tas-surroga, bil-konsegwenza li kien hemm nuqqas ta` interess guridiku.

Il-Qorti cahdet l-aggravju billi qalet hekk :-

*"Huwa pacifikament akkolt illi "la surrogazione legale si verifica a favore di colui che, essendo obbligato con altri o per altri, al pagamento del debito, l`avesse pagato sia volontariamente, perche avra interesse di pagarlo, sia perche egli fosse costretto giudiziaramente a farlo" (Vol XXII pII p332). Din is-surrogazzjoni legali hi koncessa lis-socjeta` assikuratrici kif hekk insenjat minn bosta awturi, fosthom Toullier ("Diritto Civile Francese", Vol VI pagna 88 para 175) li jammetti li "l`assicuratore come surrogato nei diritti dell`assicurato puo` esercitare le azioni di costui contro il danneggiante".*

*Hekk ukoll il-Vivante ("Trattato di Diritto Commerciale", Vol II para 1972) li jsostni illi "la surrogazione personale dell`assicuratore nei diritti dell`assicurato e` una conseguenza naturale del pagamento dell`indennita` … … il terzo colpevole del sinistro non deve approfittarsi del contratto di assicurazione cui e` rimasto estraneo … … e percio deve rispondere del danno verso l`assicuratore che piglia il posto dell`assicurato". Ara a propozitu s-sentenza a Vol XXVII pI p873 li minnha dawn l-insenjamenti dottrinali gew estratti.*

*Din il-figura guridika tas-socjeta` attrici assiguratrici qua surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha bl-operat ta` l-Artikolu 1166 (c) baqghet tigi sostenuta sa ricenti, kif manifest mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell, kolleggjalment komposta, tat-23 ta` Jannar 1998 fil-kawza fl-ismijiet "**Edwin Caruana –vs- Joseph Gasan et noe**". Dan kollu jfisser illi ma kienetx mehtiega ghas-sostenn tal-posizzjoni guridika tas-socjeta` assikuratrici manifestazzjoni tassattiva ta` surroga ghab-bazi tal-polza tal-assikurazzjoni. Dan ghaliex, kif ampjament muri, s-surroga tirrizulta "ipso jure"."*

Kaz ta` interess anke ghall-fini tad-decizjoni tal-lum kien dak trattat fil-kawza fl-ismijiet "**Untours Insurance Agents Ltd noe vs Salvatore**

**Zarb**" li kienet deciza fl-20 ta` April 2005 mill-Qorti tal-Appell Inferjuri. Waqt il-kawza, il-konvenut ghamel l-argument illi l-ittra ufficjali li serviet sabiex tinterrompi l-preskrizzjoni ta` l-azzjoni saret minn Christopher Massa de proprio mhux mill-assigurazzjoni attrici, u li ghalkemm is-socjeta` attrici kienet surrogata fid-drittijiet ta` l-assikurat taghha, il-jedd ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni ma kienx ighaddi ghall-beneficcju tal-assikurazzjoni attrici. Min-naha taghha s-socjeta` attrici ghamlet l-argument illi ladarba kien hemm surroga, allura *ex lege* hija dahlet fil-vesti ta` l-assigurat taghha u akkwistat kull dritt illi kellu skont il-ligi.

Fl-ewwel istanza, inghad hekk :-

*"Illi l-kuntratt ta` assigurazzjoni, ta` min jirrileva, hu kuntratt sui generis bejn l-assigurat u l-assigurazzjoni. L-assigurazzjoni tiehu riskju minflok l-assigurat taghha u ta` dan tigbor "premium" u ta` dak il-"premium" taghti servizz lill-assigurat li kemm-il darba dak l-event isehh allura l-persuna li tkun assigurata tithallas jew tad-dannu jew ghas-somma miftiehma.*

*Id-dottrina tas-surroga, f`kaz li l-event dannuz isehh u jsir il-hlas mill-assigurazzjoni abbazi tal-polza, tipprotegi li l-assigurat jiehu hlas doppju tad-danni tieghu ghall-istess fatt, wiehed minn ghand l-assigurazzjoni u l-iehor minn ghand l-persuna li tkun ikkawzat id-dannu. Is-surroga hija konsegwenza naturali tal-kuncett ta` l-indennizz illi tifforma bazi integrali tal-kuntratt ta` l-assigurazzjoni. Din id-dottrina giet zviluppata fil-ligi Ingliza taht il-Law of Equity.*

*Il-ligi taghna tikkontempla l-hlas bis-surroga fl-Artikoli 1164 u 1167 tal-Kodici Civili. Is-surroga tista` tkun wahda legali jew konvenzjonali. Illi l-qrati taghna sostnew illi gialadarba d-ditta ta` l-assigurazzjoni ghamlet tajjeb ghad-danni konsegwenzjali ghall-incident u hallsithom, kif kienet obbligata li taghmel skond il-kuntratt ta` l-assigurazzjoni, allura abbazi tas-subartikolu (c) ta` l-Artikolu 1166 tal-Kodici Civili s-surroga issir "ipso iure". (**Hugh Zammit noe vs Joseph Spiteri** - PA 05/10/1993; **Edgar Galea noe vs John Tanti** - PA 16/12/1991).*

*Illi ghalhekk hekk kif isir il-hlas mis-socjeta` ta` l-assigurazzjoni lill-assigurat abbazi tal-kuntratt ta` l-assigurazzjoni, l-assigurat jitlef id-dritt ta` azzjoni kontra l-persuna li tkun ikkawzat id-dannu u dana peress illi hekk kif isir dan il-hlas, issir is-surroga "ipso iure" u kwindi d-drittijiet kollha ta` l-assigurat, inkluz*

*ghalhekk id-dritt tieghu ta` l-azzjoni, ighaddu a favur ta` l-assigurazzjoni.*

*Illi sahansitra f`sentenza moghtija fil-25 ta` Novembru 1929, il-Qorti tal-Kummerc kienet sostniet, meta ccitat il-Vivante illi:*

*"L` assicurato che fu risarcito del danno non ha piu azione contro il colpevole perche` non ha alcun interesse di far valere contro di lui; se potesse riscuotere ad un tempo la somma assicurata e chiedere risarcimento dal colpevole pel medesimo danno, sarebbe indenizzato due volte e l` assicurazione procurerebbe un indebito lucro. L` altra parte il terzo, colpevole del sinistro, non deve approfittarsi del contratto di assicurazione cui e` rimasto estraneo, e pel quale non ha pagato alcun premio, e percio` deve rispondere del danno verso l` assicuratore ce piglia il posto dell` assicurato."*

Fl-ewwel istanza ma kienx accettat l-argument tal-konvenut.

Inghad hekk :-

*"... abbazi tas-surroga, kif sottolinjat iktar `il fuq, l-assigurazzjoni tidhol fiz-zarbun ta` l-assigurat taghha hekk kif isir il-pagament. Bl-istess mod mal-mewt ta` persuna, l-eredi tieghu jidhlu fil-vesti tieghu u jakkwistaw id-drittijiet u l-obbligi kollha tieghu, inkluz id-dritt tieghu ta` l-azzjoni kif salvagwardjat mill-istess decujus qabel il-mewt tieghu. Hekk ukoll, l-assigurazzjoni takkwista id-dritt ta` l-azzjoni li tkun giet salvagwardjata mill-assigurat taghha qabel ma jkun gie effettwat il-pagament u qabel ma tkun saret id-debita surroga u dana peress illi l-assigurazzjoni ma jkollha l-ebda dritt tinterpella lill-terzi ghal hlas diment li tkun ghada ma gietx surrogata fil-jeddijiet ta` l-assigurat taghha."*

Il-konvenut ressaq appell.

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri kkonferma d-decizjoni fl-ewwel istanza.

Qalet hekk :-

*" … is-surrogazzjoni legali hi koncessa lis-socjeta` assiguratrici. Dan huwa del resto indisputat in kwantu, kif pacifikament akkolt, skond l-interpretazzjoni tas-subinciz (c) ta` l-Artikolu 1166 tal-Kodici Civili, "l` assicuratore era obbligato assieme a colui che era responsabile dei danni di pagare l` ammonto di tali danni, e, quindi, in favore dello stesso vi sarebbe la surrogazione legale" (Kollez. Vol. XXVII P III p 492, konfermata fl-appell a Vol. XXVII P I p 873). Ara wkoll sentenza ta` dina l-Qorti, kif presjeduta, fil-kawza per ismijiet* ***"Fogg Insurancies Agencies Ltd nomine et -vs- Raymond Azzopardi"****, 25 ta` Frar 2004 ;*

*(2) Minn dan jitnissel, in tema ta` assigurazzjoni kontra d-danni, illi s-surroga ta` assiguratur fid-drittijiet ta` l-assigurat iggib successjoni partikolari fil-kreditu bit-trasferiment lill-assiguratur tad-drittijiet li kellu l-assigurat naxxenti ex-delicto kontra min ikkagonalu d-dannu. B`konsegwenza, l-assgurazzjoni hi legittimata li tagixxi bis-sahha tas-surroga kontra t-terz kolpevoli ;*

*(3) Dan ifisser illi bis-surroga l-assigurazzjoni takkwista b`titolu derivattiv id-drittijiet li kellu l-assigurat, bl-istess kontenut u limiti li fihom kienu dawn l-istess drittijiet fil-mument tas-surroga. Ghaldaqstant l-assigurazzjoni tissubentra fl-identika posizzjoni, sostanzjali u processwali, tad-danneggjat di fronte ghad-danneggjant ;*

*(4) Naturalment, l-awtur tal-fatt illecitu, imsejjah fil-gudizzju mill-assigurazzjoni tad-danneggjat li tkun qed tagixxi bil-fatt tas-surroga, jista` jopponi lill-assigurazzjoni l-eccezzjonijiet kollha li kienu jkunu opponibbli fil-konfront ta` l-assigurat-danneggjat ;*

*… Jinsab dibattut fid-dottrina l-kwestjoni jekk l-assiguratur jistax jitqies cessjonarju tal-kreditu (intiza din il-kelma f`sens wiesgha) li kellu l-assigurat fil-konfront tieghu taht il-polza. M`hemmx dubju illi s-surroga tiddistingwi ruhha mic-cessjoni tal-kreditu in kwantu tippresupponi l-hlas tad-debitu, mentri fic-cessjoni l-prezz pattwit (Artikolu 1469, Kodici Civili) ma ghandux funzjoni rizoluttiva tad-debitu pre-ezistenti. Huwa sostenut, pero`, li d-disposizzjonijiet tac-cessjoni tad-drittijiet jistghu jigu biss ritenuti applikabbli in parte ghas-surroga. Dan fis-sens li ghall-effikacja tas-surroga d-debitur, ossija t-terz responsabbli, ghandu jigi komunikat lilu mill-assiguratur il-fatt tas-surroga ;*

*Jinsab ukoll precizat illi jekk l-assiguratur ma jaghmelx tali komunika, id-dannegjat allavolja jkun irceva l-indennita`*

*assigurattiva, ikollu d-dritt li jagixxi ghar-rizarciment kontra t-terz responsabbli minghajr ma dan jista` jopponilu l-fatt tal-hlas tal-indenniz mill-assigurazzjoni; Tali tidher li hi l-interpretazzjoni l-aktar akkreditata fil-gurisprudenza Taljana b`referenza ghall-Artikolu 1916 tal-Kodici Civili Taljan fejn fl-ewwel subinciz tieghu jiddisponi illi "l` assicuratore che ha pagato l` indennita` è surrogato, fino alla concorrenza dell` ammontare di essa, nei diritti dell` assicurato verso i terzi responsabili" ;*

*Ghall-ahjar esposizzjoni fuq din il-materja jidher li jkun jixraq li ssir referenza ghal certi decizjonijiet tal-Qorti Taljana ta` Kassazzjoni ;*

*(1) "Il diritto di surroga nelle ragioni dell` assicurato, previsto dall` articolo 1916, non sorge in modo automatico, per effetto del pagamento dell` indennita` assicurativa, ma solo quando l` assicuratore chiede al danneggiante il rimborso dell` indennita`. Pertanto ove non risulti che l` assicuratore abbia esercitato tale facolta, il danneggiato, anche se ha riscosso l` indennizzo, puo agire per il risarcimento totale, senza che il responsabile possa opporgli l` avvenuta riscossione" (Numru 5165, 26 ta` Mejju 1994; Nru. 4211, 25 ta` Marzu 2002) ;*

*(2) "La surrogazione dell` assicuratore, prevista dall` articolo 1916, integra una successione a titolo particolare nel credito risarcitario, fino alla concorrenza dell` ammontare dell` indennizo, la quale si verifica nel momento in cui l` assicuratore da notizia al terzo responsabile del pagamento effettuato all` assicurato, esprimendo la volonta di avvalarsi della citata norma, ed implica l` opponobilita` all` assicuratore delle eccezioni invocabili contro l` assicurato alla suddetta data, per effetto del subingresso dell` uno nella stessa posizione dell` altro. Pertanto con riguardo alla prescrizione, si deve ritenere che l` inerzia del danneggiato, protrattasi fino alla scadenza del termine prescrizionale, puo essere fatta volere dal terzo responsabile nei confronti dell` assicuratore, in surrogazione quale causa estintiva del diritto, solo se tale scadenza sia anteriore all` esercizio della surrogazione, mentre in caso contrario, essendosi trasferita in capo all` assicuratore la titolarita` del credito prima della maturazione della prescrizione, e valendo inoltre la menzionata comunicazione quale atto interruttivo, l` estinzione per prescrizione del credito trasferito puo discendere esclusivamente da successiva inattivita` dell` assicuratore medesimo" (Nru. 5146, 27 ta` Novembru 1989);*

*Applikati s-suddetti enuncjazzjonijiet ghall-kaz in ispecje, anke jekk il-fatti kronologici kienu kif rakkontati mill-appellanti fir-rikors ta` l-appell tieghu, dan ma jgibx illi l-ittra ufficcjali tad-19 ta` Novembru 2004, prezentata mill-assigurat, anke jekk wara s-surroga, ghandha ghal daqshekk titqies nulla u bla effett jew li ma sservix biex tinterrompi l-preskrizzjoni anke a beneficcju tas-socjeta` assigurattrici attrici. Dan ghaliex, kif fuq illustrat, is-surroga ta` l-assiguratur ma toperax ruhha awtomatikament izda ghal dik li hi l-effikacja taghha hi sottoposta ghall-kondizzjoni li l-assiguratur jirrikjedi lid-danneggjant ir-rimbors tad-danni mhallsa. Tali talba saret biss permezz ta` l-avviz prezentat.*

*Fil-frattemp pero` bejn is-surroga u l-azzjoni, l-assigurat ipprezenta ittra ufficcjali, kif kellu kull dritt jaghmel in bazi ghas-sentenzi citati. Din allura tghodd biex tinterrompi l-preskrizzjoni eccepita billi giet intavolata qabel id-dekors ta` sentejn mid-data ta` l-incident. Ghalhekk l-appell interpost qed jigi michud."*

Fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Edward sive Teddie Borg et vs Albert Schembri et</u>**" kienet sollevata l-kwistjoni tas-surroga u l-interess guridiku tal-atturi. Sar l-argument illi skont l-Art 1166(c) tal-Kap 16 hekk kif isir il-hlas mis-socjeta` ta` l-assigurazzjoni lill-assigurat taghha, l-assigurat jitlef id-dritt ta` azzjoni kontra l-persuna li tkun ikkawzat id-dannu. Fil-fatt saret riferenza ghal estratt mill-Vivante li jghid : *l`assicurato che fu risarcito del danno non ha piu azione contro il colpevole perche` non ha alcun interesse di far valere contro di lui.*

Fis-sentenza taghha tal-25 ta` Frar 2013 din il-Qorti (**<u>PA/LFS</u>**) qalet hekk :-

*"Izda l-Qorti ma tistax taqbel ma` dan ir-ragunar minhabba li l-attur odjern ta surroga lis-socjeta` Fenici Insurance Agency Limited ghall-iskop tad-danni kawzati mit-telf tal-vettura. Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li hu ta s-surroga ghad-danni personali wkoll. Huwa veru li jekk int taghti surroga ma tistax fuq l-istess haga tipprocedi b`azzjoni ghax tkun qed tithallas darbtejn u taghmel qligh doppju. Li kieku fil-kawza odjerna l-attur qieghed jerga` jitlob il-hlas ghall-vettura, certament li l-intervenuta kien ikollha ragun minhabba li bis-surroga l-assikurazzjoni takkwista titolu derivattiv id-drittijiet li kellu l-assikurat b`mod li l-assikurazzjoni tissubentra fil-pozizzjoni identika di fronte ghad-*

> *danneggjant (ara **Untours Insurance Agents Limited vs Salvatore Zarb,** Appell Civili Inferjuri, Imhallef Philip Sciberras, 20 ta` April, 2005).*
>
> *Izda fil-kaz in ezami Fenici Insurance Agency Limited giet surrogata ghall-iskopijiet tad-danni fil-vettura."*

Sentenza ohra utli ghall-kaz tal-lum hija dik moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta` Mejju 1998 fil-kawza "**Dr S Micallef Stafrace noe vs Godwin Abela et noe**". Fost l-aggravji li tressqu kontra d-decizjoni fl-ewwel istanza kien hemm illi_s-surroga li bis-sahha taghha s-socjeta` attrici kienet qeghda tagixxi ma kenitx tinkludi *survey fees*. Sar l-argument illi fis-*subrogation form* inghad illi s-surroga saret bhala konsegwenza tal-hlas li l-assikurazzjoni kienet ghamlet favur l-assikurat taghha ghal nuqqas fil-konsenja ta` merkanzija. Il-Qorti accettat illi s-surroga ma kinitx tkopri s-*survey fees* imma biss l-ammont effettivament imhallas bhala ndennizz favur l-assikurat. Inghad ukoll illi s-*survey fees* qatt ma kienu jithallsu mill-importatur u konsegwentement ma seta` jkun hemm qatt surroga ghalihom (ara wkoll is-sentenza moghtija mill-Qorti ta` l-Appell fis-6 ta` April 1992fil-kawza "**Dr Robert Staines noe vs Godwin Abela noe**) .

## c) Risultanzi

**Premess l-istat tad-dritt u l-analizi tal-gurisprudenza, din il-Qorti hija tal-fehma li bil-fatt illi fil-mori tal-kawza l-atturi ffirmaw *subrogation form* favur Mapfre Middlesea plc m`ghandux ifisser illi l-atturi tilfu l-interess guridiku li jkomplu bil-kawza tal-lum. Dan qed jinghad ghar-ragunijiet li gejjin.**

Abbazi tal-assjem tal-provi, jirrizulta illi c-curkett in kwistjoni ma kienx assikurat ghall-valur intier tieghu izda biss ghal parti minn dak il-valur (ara fol 280).

Jirrizulta illi Mapfre Middlesea plc indennizzat lill-atturi l-valur assikurat (ara fol 318).

Del resto lanqas setghet thallas lill-atturi oltre l-valur assikurat tenut kont tal-kuntratt ta` assikurazzjoni li kien hemm bejn l-atturi u s-socjeta` assikuratrici.

In linea mal-gurisprudenza fuq citata, ladarba l-hlas lill-atturi sar abbazi tal-kuntratt li kien hemm mal-assikurazzjoni, is-surroga li kisbet l-assikurazzjoni minghand l-atturi ma setghetx tmur oltre l-hlas li bih l-atturi kienu indennizati skont il-polza.

**Dan ikompli jfisser illi ghad-differenza ta` bejn il-valur shih tac-curkett u l-valur assikurat (li effettivament thallas lill-atturi mill-assikurazzjoni taghhom) l-atturi jibqghalhom interess guridiku biex ikomplu bil-kawza.**

L-attur issurroga lis-socjeta` ta` assigurazzjoni biss fir-rigward tal-valur assigurat.

Mhijiex kondiviza l-fehma tal-konvenut illi meta l-atturi taw is-surroga huma kienu qeghdin ighaddu lill-assikurazzjoni taghhom anke kull dritt li kellhom fuq id-differenza fil-valur ta` bejn il-valur shih tac-curkett u l-valur li kien attwalment assikurat. L-assikurazzjoni ma setghetx tikseb drittijiet aktar minn dawk li kien jippermetti l-vinkolu kontrattwali li kellha mal-atturi.

Dan jghodd kemm fil-kaz ta` surrogi *ex contractu* kif ukoll fil-kaz ta` surrogi *ex lege.*

Fis-surroga in kwistjoni (fol 319), wara li saret riferenza ghall-polza, jinghad illi l-hlas li kienet qeghda taghmel l-assikurazzjoni lill-atturi fl-ammont ta` EUR 15,140.93 kien *"in full and final settlement* ***of the claim****"* (enfasi tal-qorti).

Is-surroga saret **biss** in konnessjoni ma` l-*claim* li saret bhala konsegwenza tal-polza.

Meta fil-formola tas-surroga, inghad illi l-assikurazzjoni kienet qeghda tigi surrogata fid-drittijiet kollha tal-atturi, dan ghandu jittiehed dejjem fil-

kuntest ta` dawk id-drittijiet li kienu konsegwenzjali ghall-polza bejn il-partijiet.

Il-Qorti taghmel riferenza ghal estratt minn dak li qalet il-*Corte di Cassazione* Taljana fejn inghad illi :-

*"il diritto di surroga nelle ragioni dell` assicurato ... non sorge in modo automatico, per effetto del pagamento dell` indennita` assicurativa, ma solo quando l`assicuratore chiede al danneggiante il rimborso dell`indennita`.*

***Pertanto ove non risulti che l`assicuratore abbia esercitato tale facolta, il danneggiato, anche se ha riscosso l`indennizzo, puo agire per il risarcimento totale, senza che il responsabile possa opporgli l` avvenuta riscossione"*** (enfasi ta` din il-qorti)

(Sentenza Nru 5165 tas-26 ta` Mejju 1994 u s-Sentenza Nru. 4211 tal-25 ta` Marzu 2002).

<u>**Decide**</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi tichad ir-risposta ulterjuri tal-konvenut.**

**L-ispejjez ta` din id-decizjoni jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali dwar il-mertu.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**